**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 27 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs.**

**James Sammut (ID 560490 (M))**
**Joseph Sammut (ID 484758(M))**
**Kulis Company Limited (C-10210)**

**Kawza Numru:22/2022**

**Il-Qorti**,

**Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati:**

**James Sammut,** bin Joseph Sammut u Carmela nee' Borg, imwieled nhar id-19 ta' Novembru 1990 gewwa l-Pieta', residenti gewwa fond bl-isem 49, P/H 8, Triq Birbal Balzan, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 560490(M) u;

**Joseph Sammut,** bin Nazzareno Sammut u Victoria nee' Camilleri, imwieled nhar is-26 ta' Gunju 1958 gewwa l-Pieta', residenti gewwa fond 170, Apt 7, Triq it-Torri, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 484758(M) u;

**Kulis Company Ltd**. bl-ufficju registrat gewwa 170, Apt 7, Triq it-Torri, Sliema, u numru ta' registrazzjoni C-10210, akkuzati talli:

***Nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2021, u, fil-gimghat u x-xhur precedenti gewwa dawn l-Gzejjer Maltin:***

***B'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula brizoluzzjoni wahda (u ghalhekk jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat) (Art 18 Kap 9):***

1. ***Fil-kwalita' tieghek ta' Direttur jew Segretaru jew Rapprezentant Legali tal-Kumpanija Kulis Company Ltd (C-10210), bl-indirizz registrat 170 Apartment 7, Triq it-Torri Sliema, u/jew bhala persuna li kont inkarigat mill-istess kumpanija sabiex tamministra l-kirja u/jew bhala sid il-kera skont il-ligi tal-fond,*** **36, Aurora Flat 10, Triq Claire E. Engel, San Giljan, bi ksur tal-ligijiet u regolamenti applikabbli, intom nqastu li tirregistra l-kirja tal-imsemmi fond lil Abdelsalam Shafig Husein Abdullah u Marwa Baroud mal-Awtorita' tad-Djar, Art. 22(1) Kap. 604, Art 3, 4, 4(2) Kap.**

***Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba sabiex bir-rispett tordna lill-hati, ai termini tal-Artikolu 22 (1) Kap. 104, sabiex thallas il-penali skont il-ligi, ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati u cioe' multa ta' mhux inqas minn Elfejn u hames mitt ewro (2,500) u mhux aktar minn ghaxart elef ewro (10,000).***

**Rat il-verbali tas-seduti.**

**Rat l-atti proċesswali kollha.**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2022 fejn wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-gheluq tal-partijiet il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.**

***IKKUNSIDRAT***

Dan il-każ jitratta sitwazzjoni fejn is-sid qed jigi imputat li naqas li jirreġistra kuntratt tal-kera mal-Awtorita' tad-Djar. Fix-xhieda tieghu fl-14 ta' Novembru 2022, **Mario Magro, manager fis-sezzjoni tal-enforcement tal-kirjiet privati residenzjali fi hdan l-Awtorita tad-Djar, prodott mill-prosekuzzjoni** spjega illi minn spezzjonijiet li saru mill-Awtorita' tad-Djar fil-21 ta' April 2021 u 5 ta' Ottubru 2021 irriżulta li l-appartament 10, Block 36, "Aurora", Triq E. Engel, San Ġiljan kien okkupat minn Abdullah Abdelsalam Shafig Husein u Marwa Baroud hekk kif jidher minn Dok. MG1 esebit mill-istess xhud. Irriżulta li Abdullah Abdelsalam Shafig Husein kien reġistrat bħala inkwilin fir-rigward tal-appartament bin-numru 3 fl-istess blokka. Mill-provi prodotti jirriżulta li

l-imputati huma d-diretturi ta' Kulis Company Limited, sidt l-l-appartament imsemmi (Dok. JS4). Il-Qorti rat ukoll **il-*current incident report*** (fol 2 sa 4) u **l-affidavit ta' PS 649 J. Buhagiar** għall-prosekuzzjoni (fol 5).

**L-imputat James Sammut** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa xehed fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2022 li huwa wieħed mid-diretturi ta' Kulis Co. Limited li għandha numru ta' appartamenti mikrija. Huwa jieħu ħsieb ir-reġistrazzjonijiet mal-Awtorita' tad-Djar. Huwa spjega li Abdullah Abdelsalam Shafig Husein oriġinarjament kien jikri l-appartment bin-numru 3. L-inkwilin xtaq jikri appartment ieħor għaliex kien ser jiżżewweġ u kien hemm disponibbli l-appartment bin-numru 10. Meta l-imputat ipprova jittermina l-kirja tal-appartament numru 3 *online* is-sistema ma ħallietux u l-kuntratt ġie mġedded awtomatikament. Aktar tard l-imputat sar jaf li kellha tinbagħat email sabiex issir it-terminazzjoni. Meta ġiet approvata t-terminazzjoni fuq l-apaprtament numru 3 l-imputat irregolarizza l-posizzjoni tiegħu.

In sostenn tax-xhieda tiegħu ppreżenta r-reġistrazzjoni tal-kirja tal-fond bin-numru 3, registrazzjoni numru LL008911 li skond l-istess registrazzjoni jidher li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2020 u terminata fl-1 ta' Mejju 2023 (Dok. JS1); lista ta' reġistrazzjonijiet tal-kirjiet minn fejn jirriżulta li t-tentattiv ta' reġistrazzjoni tal-appartament numru 10 li saret fl-1 ta' Gunju 2020 ma ġietx milqugħa. Hemm ukoll l-ittra ta' terminazzjoni tal-kirja tal-fond numru 3 datata 27 ta' Ottubru 2022 li tgħid li l-kirja qed tiġi terminata sabiex tkun tista' tiġi reġistrata kirja ġdida lill-istess kerrej Abdullah Abdelsalam Shafig Husein wara ż-żwieġ tiegħu u email maħruġa mill-Awtorita' tad-Djar li tirrikonoxxi t-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni LL008911 (Dok. JS2) datata 1 ta' Novembru 2022. Huwa pprezenta wkoll kuntratt ta' kera ġdid datat l-1 ta' Novembru 2021 rigward l-appartament numru 10, bejn Kulis Company Limited, Abdullah Abdelsalam Shafig Husein u Marwa Baroud li jkopri l-perjodu ta' sena mill-1 ta' Novembru 2022 liema kirja giet reġistrata bin-numru LL0083522 (Dok. JS3) u esebixxa wkoll il-ħlas relattiv għar-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tar-reġistrazzjoni datata 2 ta' Novembru 2022.

L-okkupant **Abdullah Abdelsalam Shafig Husein** xehed fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2022 fejn ikkonferma li huwa kien jikri l-appartament numru 3 u wara xi 6 xhur billi kien se jizzewweg talab lis-sid biex ibiddel l-appartament u kien hemm l-appartament numru 10 *available* u ghamlu kuntratt gdid ta' kera ghall-appartament numru 10 datat 28 ta' Dicembru 2020. Muri l-kuntratt li hemm anness ma Dok MG 1 ix-xhud jikkonferma li dak hu l-kuntratt tieghu.

Mill-provi sottomessi mill-Awtorita Dok MG 1 jirrizulta li l-inkwilin kellu kuntratt ta' kera fir-rigward tal-appartament numru 10 datat 28 ta' Dicembru 2020 li kien ghal perijodu ta' sena b'effett minn Jannar 2021. Mill-provi jirrizulta li l-ewwel darba li l-appartament numru 10 gie registrat mal-Awtorita, minn sid il-kera, li huwa mikri lill-Marwa Baroud u Abdullah Abdelsalam Shafig Hussein kien biss b'effett mill-1 ta'

Novembru 2022 skond Dok JS 3. Dan ifisser li l-kuntratt tat-28 ta' Dicembru 2020 li jirrigwarda l-appartament numru 10 u li skond il-kuntratt kien ukoll mikri mis-socjeta imputata lill-Marwa Baroud u Abdullah Abdelsalam Shafig Hussein ma giex registrat kif trid il-Ligi hlief b'effett minn Novembru 2022.

L-imputat James Sammut jispjega li dan in-nuqqas kien biss dovut minhabba l-fatt li peress li fuq is-sistema tal-Housing Marwa Baroud u Abdullah Abdelsalam Shafig Hussein kienu ghandhom registrati bhala inkwilini fl-appartament numru 3 huwa ma setax jirregistrahom fuq l-appartament 10 qabel ma l-ewwel jittermina r-registrazzjoni taghhom minn fuq l-appartament numru 3, haga li skond hu ma setax jghamel billi s-sistema tal-Awtorita ma hallitux ghax il-kuntrratt fuq l-appartament numru 3 kien gie awtomatikament estiz billi ma sarx avviz qabel 3 xhur mill-gheluq li l-kirja kienet ser tigi terminata.

In kontro-ezami l-istess xhud jikkonferma li l-kuntratt tat-28 ta' Dicembru 2020 ma rregistrahx. Mistoqsi ppruvax jirregistra mal-Awtorita l-kuntratt tal-appartament numru 10 fuq Marwa Baroud u Abdullah Abdelsalam Shafig Hussein jghid li huwa ma kienx jaf li seta jirregistra l-istess persuna fuq zewg appartamenti u allura ma ppruvax jirregistrah. Jghid li t-target tieghu kien li jaghmel termination tal-flat 3 u darba jkun hemm it-termination jirregistra l-flat 10. Mill-atti jirrizulta li nonostante li s-socjeta imputata dahlet fi ftehim lokatizju ma Marwa Baroud u Abdullah Abdelsalam Shafig Hussein dwar l-appartament numru 10 fil-blokka *de quo* fit-28 ta' Dicembru 2020 (vide Dok MG 1) l-istess socjeta talbet it-terminazzjoni tal-kirja li kien hemm vigenti fuq l-appartament numru 3 biss fis-27 ta' Ottubru 2022 liema awtorizzazzjoni inghatat minnufih mill-Awtorita fl-1 ta' Novembru 2022 (Vide Dok JS2). In segwitu ghal dan s-socjeta imputata ghaddiet biex irregistrat il-kirja rigwardanti l-appartament numru 10.

**IKKUNSIDRAT**

Il-lokazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri nbdiet wara d-dħul fis-seħħ tal-Att Dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati (Kap. 604). Irriżulta li l-kirja rigward l-appartament numru 10 ma kienetx reġistrata mal-Awtorita' tad-Djar fit-terminu prefiss. L-Artikolu 4 tal-Kap. 604 jipprovdi:-

> *4. (1) Il-kuntratti kollha ta' kiri residenzjali privati li jsiru wara d-dħul fis-seħħ tal-Att, inkluż it-tiġdid tagħhom, kemm jekk espress jew taċitu, għandhom jiġu rreġistrati:*
>
> *Iżda kuntratti ta' kirjiet residenzjali privati li mhumiex reġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att għandhom ikunu nulli u mingħajr effett.*
>
> *(2) Għandu jkun dmir ta' sid il-kera li jirreġistra, fi żmien għaxart (10) ijiem mill-bidu tal-kirja, il-kuntratt ta' kiri residenzjali privat mal-Awtorità:*

*Iżda tali reġistrazzjoni għandha tkun soġġetta għal miżata amministrattiva imposta mill-Awtorità:*

*Iżda wkoll li r-reġistrazzjonijiet li jsiru aktar tard miż-żmien speċifikat fis-subartikolu (2) għandhom ikunu soġġetti għal miżata addizzjonali.*

*(3) Ir-reġistrazzjoni għandu jkollha effett retrospettiv mid-data tal-bidu tal-kirja.*

*(4) Jekk sid il-kera jonqos milli jikkonforma ruħu mal-obbligu stipulat fis-subartikolu (2), il-kerrej jista' jipproċedi sabiex huwa stess jirreġistra l-kuntratt tal-kera, bi spejjeż għal sid il-kera:*

*Iżda l-kerrej għandu jkollu d-dritt li jżomm parti mill-kera għall-iskop ta' rimborż tal-miżata amministrattiva mħallsa lill-Awtorità.*

Dan l-Artikolu jipprovdi li kuntratti ta' kera residenzjali li jsiru wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-att għandhom ikunu reġistrati. Dawk li ma jiġux reġistrati għandhom ikunu nulli u mingħajr effett. Fin-nuqqas tas-sid, li jikkonforma ruħu u jirreġistra l-kirja, il-kerrej jista' jipproċedi hu sabiex jirreġistra l-kuntratt u dan bi spejjeż għas-sid tal-kera. **Fis-Seduta numru 245 tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta' Lulju 2019, l-Onor. Roderick Galdes (Segretarju Parlamentari għall-Akkommodazzjoni Soċjali) qal:-**

*Irrid nitkellem ukoll dwar ir-responsabilità tar-reġistrazzjoni tal-kera fuq is-sid. Se jkun is-sid li jkun obbligat li jagħmel din ir-reġistrazzjoni tal-kuntratt u mhux l-inkwilin. Is-sid li huwa l-proprjetarju u li kkonkluda l-kuntratt irid imur online fis-sistema u jagħmel upload ta' dik ir-reġistrazzjoni. Min ma jafx jagħmilha mid-dar tiegħu, se jkun jista' jinqeda mill-Awtorità fejn se jkun hemm nies kompetenti li jistgħu jgħinuh jagħmilha direttament hemmhekk.*

*Sid li jagħżel li ma jirreġistrax il-kuntratt se jkun qiegħed jirriskja multa li tlaħħaq madwar €10,000 b'sentenza tal-Qorti. Għall-ewwel darba qed indaħħlu l-poter li l-Awtorità tista' tressaq lis-sid il-Qorti jekk ma jkunx irid jirreġistra u jħalli l-kirja tiegħu underground. F'dan il-każ il-Qorti tista' timponilu sa €10,000 multa. Forsi din tinstema' miżura ftit qawwija u drastika imma nemmen li hija proporzjonata meta tqis dak li s-sid ikun qiegħed jippreġudika, inkluż il-protezzjoni tiegħu nnifsu u d-drittijiet tal-kerrej u l-familja tiegħu. Jekk irridu suq professjonali u serju jrid ikun hemm konsegwenzi ċari u serji għal min ma jerfax ir-responsabbiltajiet tiegħu.*

Illi dan juri ċar li l-leġislatur ried li jkun reat li persuna tonqos milli tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-Art. 4 tal-Kap. 604.

Fis-sentenza **fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Brian Xuereb) vs Sacha Said**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Gunju 2022 intqal hekk:

*"Ċertament li l-iskop tal-introduzzjoni ta' reġistrazzjoni ta' kirja huwa multepliċi u dan billi jservi ta' protezzjoni kemm għas-sid tal-kera kif ukoll għall-inkwilin u dan sabiex ma jkunx hemm abbużi ta' drittijiet u naturalment ukoll min-naħa tal-erarju pubbliku jista' jkun hemm aktar kontroll inkwantu dħul tal-individwi u kumpaniji.*

*Il-fatt li meta kirja ma tkunx giet registrata titqies bhala nulla dik hija l-konsegwenza civili ta' tali nuqqas. Dan juri kemm il-legislatur qies l-importanza tar-registrazzjoni. Madanakollu l-inadempiment tal-obbligu impost bil-Ligi ta' registrazzjoni jwassal f'dan il-kaz ghall-azzjoni kriminali u ghal konsegwenzi civili".*

Fil-kaz prezenti jirriżulta li l-kirja tal-appartament numru 10 ma gietx registrata fit-terminu prefiss mill-Ligi. L-imputat James Sammut jghid li kien biss riżultat ta' żball fl-informazzjoni sottomessa minn sid il-kera ai fini ta' reġistrazzjoni. Izda l-Qorti tinnota li dawn il-każijiet jaqgħu taħt il-kappa ta' *strict liability*. Dwar dan il-kunċett il-Professur Mamo jgħid:-

*Strict liability offences do not require proof of fault, and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.*

F'dawn l-offiżi ma hemmx il-bżonn li tiġi ppruvata l-intenzjoni kriminuża, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difiżi. Dan il-prinċipju ta' *strict liability* għandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta' vikarja kif maħsuba fl-Artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:-

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat".*

Dan ifisser illi f'dawn il-każijiet il-piż tal-prova idur fuq l-akkużat sabiex jipprova li għamel dak kollu meħtieġ sabiex jevita li jiġi kommess ir-reat, u li allura eżerċita d-diligenza kollha meħtieġa sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt. F'dawn il-vjolazzjonijiet tal-liġi ma hemmx il-ħtieġa li jiġi ppruvat l-element intenzjonali, għaliex hekk kif iseħħ l-element materjali jkun hemm l-infrazzjoni tal-liġi.

Il-Qorti tinnota li f'dawn il-proċeduri l-imputati huma ż-żewġ diretturi ta' Kulis Company Limited u Kulis Company Limited stess. L-Artikolu 22 tal-Kap. 604 dwar ir-reati li jistgħu jiġu kommessi fir-rigward ta' dan il-Kapitolu jirreferi għall-frażi "Kull persuna". L-istess Att ma jipprovdix definizzjoni ta' "persuna". L-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) senjatament l-Artikolu 4(e) jaqra:-

> *L-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew għaqda oħra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-għaqda jkunu persuna ġuridika, skont id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, sew jekk le*

Il-Qorti tinnota li l-Kap. 604 ma jagħmilx referenza għall-applikazzjoni tal-Artikolu 121D tal-Kap. 9 li jirregola r-responsabilita' ta' korp magħqud. Dan l-artikolu li jirregola il-kunċett ta' *corporate liability* ġiet ntrodott permezz tal-Att III tal-2002. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ivan Gauci et** (Kump. 128/2015) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Jannar 2017, il-Qorti spjegat l-effett ta' dan il-kunċett:-

> *Dan ifisser illi kuntrarjament għal dik ir-responsabbilta' vikarja imqiegħda fuq spallejn id-direttur ta' korp magħqud fejn allura f'każ ta' sejbien ta' ħtija u imposizzjoni ta' piena din tiġi inflitta fuqu u għandha tiġi skontata minnu personalment anke f'każ ta' piena pekunjarja, bil-kunċett legali ġdid introdott permezz ta' din id-disposizzjoni tal-liġi li titkellem dwar il-corporate liability, kif ingħad, ir-responsabbilta penali għalkemm titqiegħed fuq spallejn persuna fiżika, madanakollu l-piena pekunjarja hija imputabbli lil-korp magħqud, f'dan il-każ il-korp Peace Band Club, liema penali tiġi meqjusa bħala dejn ċivili u titolu ezekuttiv fil-konfront ta' dak il-korp magħqud.*
>
> *...*
>
> *Mela id-distinzjoni bejn dina l-forma ta' responsabbilita' penali u dik vikarja hija waħda sottili ħafna, għaliex għalkemm fiż-żewġ istanzi il-kundanna issir kontra l-persuna fiżika, uffiċjal tal-korp magħqud, madanakollu l-piena inflitta taħt l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni taqa' f'ħoġor dik il-persuna, u fil-każ tar-responsabbilita' tal-korp magħqud, il-piena tingħata fil-konfront tal-persuna legali u mhux dik fiżika, fejn l-uffiċjal allura ma jweġibx personalment għall-aġir inkriminatorju. Ukoll għalkemm fejn il-persuna fiżika tiġi akkużata bir-responsabbilta' vikarja tagħha, hija tista' teżimi ruħha minn tali responsabbilita' billi turi, u dan fuq bażi ta' probabbilita', illi hija tkun eżercitat id-diligenza meħtieġa għal-kariga minnha okkupata u tkun għamlet dik is-sorveljanza meħtieġa fil-qadi ta' dmirijietha sabiex tara illi ma jsir l-ebda att jew omissjoni doluża, ma jidhirx illi bl-istess mod il-korp magħqud kif rappreżentat jista' isib il-konfort ta' dik l-iskuzanti taħt l-Artikolu 121D hawn fuq iċċitat u jkun biżżejjed illi l-Prosekuzzjoni tipprova illi r-reat ikun seħħ a benefiċċċju tal-kumitat tal-Peace Band Club jew il-parruċċjani tiegħu sabiex tiġi stabbilita r-reita' f'dak il-korp magħqud.*

Ġja la darba l-Artikolu 121D tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli f'dan il-każ, il-responsabbilita' tinkombi fuq l-imputati James u Joseph Sammut abbażi tar-responsabbilita' vikarja u mhux fuq Kulis Company Limited. Hekk kif ġiet osservat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Erica Farrugia Harding** (Appell numru 354/2022) deċiża fis-6 ta' Jannar 2023, ir-responsabbilta' vikarja tqiegħed ir-responsabbilta' penali direttament fuq spallejn id-direttur ta' korp magħqud fejn f'każ ta' sejbien ta' ħtija u imposizzjoni ta' piena din tiġi inflitta fuqu u għandha tiġi skontata minnu personalment anke f'każ ta' piena pekunjarja. Żiedet:-

*Illi l-Qorti tqies illi wasal iż-żmien fejn anke f'dan il-qasam penali fejn il-vjolazzjoni tal-liġi tkun saret minn korp magħqud jew soċjeta kummerċjali b'personalita' ġuridika indipendenti minn dik tal-azzjonisti tagħha jew tal-uffiċjali li imexxuha, ikun hemm kundanna waħda u unika fil-konfront ta' dak il-korp magħqud, u mhux kontra kull uffiċjal tal-kumpanija sabiex b'hekk jitwieldu pluralita' ta' azzjonijiet penali għal infrazzjoni tal-liġi li del resto għandha titqies daqslikieku saret minn persuna waħda u ċioe' is-soċjeta kummerċjali. Il-liġi madanakollu ma tagħtix din is-setgħa lil Qorti, bir-responsabbilta' vikarja taqa' fuq kull direttur, manager u uffiċjal ieħor tal-kumpanija li, kif ingħad, jsiru ħatja tan-nuqqas magħmul mill-kumpanija li huma jirrappreżentaw bil-kundanna għalhekk issir fil-konfront tagħhom personali.*

*Issa f'dawn it-tip ta' offiżi japplika il-kunċett ta'l hekk imsejjaħ strict liability fejn ma hemmx il-bzonn li tigi ippruvata l-intenzjoni kriminuża, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difizi. Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-principju ta' strict liability għandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta vikarja kif mahsuba fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:*

> *Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin ta' legħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.*

*Illi din l-inverżjoni fil-provi hija riflessa ukoll fir-reati fiskali kif imfisser fl-artikolu 82 hawn fuq iċċitat meta allura l-piz tal-prova issa ser iddur fuq il-persuna akkużata b'dan għalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tikkonvinċi lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u dan sal-grad tal-probabbli, illi hija għamlet dak kollu mehtieġ sabiex tevita li jiġi kommess ir-reat, u li allura eżerċitat id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt.*

Mill-provi prodotti senjatament mix-xhieda ta' James Sammut jirriżulta li huwa kien responsabbli mir-reġistrazzjoni tal-kuntratt filwaqt li l-imputat Joseph Sammut ma kellu l-ebda involviment fir-reġistrazzjoni. Filwaqt li jista' jkun minnu li s-sistema ma ħallietx lill-imputat jittermina l-kuntratt madanakollu l-imputat ma ġabx prova konvinċenti li għamel dak kollu li setgħa biex jirregolarizza minnufih il-posizzjoni tiegħu. Mix-xhieda tiegħu jirriżulta li għamel tentattiv għat-terminazzjoni tal-kirja iżda ma ppruvax jirreġistra l-kuntratt il-ġdid. Apparti minn hekk jirrizulta l-kuntratt dwar l-appartament numru 10 huwa datat 28 ta' Dicembru 2020. Madanakollu l-kuntratt dwar dan l-appartament gie registrat biss f'effett mill-1 ta' Novembru 2022.

**<u>KONKLUŻJONI</u>**

Ghalhekk għal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3, 4, 4(2) u 22(1) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat James Sammut ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500). Il-Qorti qed tillibera lill-imputat Joseph Sammut u lil Kulis Company Limited.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Marzu 2023**